# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

*Maġistrat*

*dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)*

**Il-Pulizija**

**(Spettur Kylie Borg)**

**vs**

**Cynthia Jane Camilleri**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet fil-konfront ta' **Cynthia Jane Camilleri**, numru tal-Karta tal-identita' 245986M fejn ġiet mixlija talli nhar it-12 ta' Diċembru 2014 għall-ħabta tas-17:15 ta' filgħaxija, fi Triq l-Imdina, Ħaż-Żebbuġ :

**(a)** Waqt li kienet qed issuq il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni ABP 826 b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tagħha jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti, ikkaġunat ġrieħi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Bernard Attard skont kif iċċertifika t-tabib Paul Mazzalo mill-isptar Mater Dei Kriminali u dan bi ksur tal-Artiklu 226(1)(a)(c) tal-Kodiċi Kriminali;

(b) U aktar talli fl-istess data, ħin, post u ċirkostanza, saqet vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni ABP 826 b'manjiera perikoluża u dan bi ksur tal-Artikolu 15(1A)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta

Il-Prosekuzzjoni talbet ukoll sabiex f'każ ta' ħtija, il-ħatja tiġi skwalifikata mill-liċenzji tagħha kollha tas-sewqan għal perjodu li jidhrilha xierqa l-Qorti.

Rat li matul is-seduta tal-15 ta' Jannar 2015 l-Uffiċjal Prosekutur ikkonfermat l-imputazzjonijiet bil-ġurament u matul il-kors tal-eżami tal-imputat skont l-Artikoli 392 u 370(4) tal-Kodiċi Kriminali l-istess imputata wieġbet li ma kellhiex oġġezzjoni li l-każ jigi trattat bi proċedura sommarja;

Rat il-kunsens tal-Avukat Ġenerali a fol 16 li permezz tiegħu iddikjara li kien qiegħed jagħti l-kunsens tiegħu sabiex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja;

Rat li matul l-istess eżami tal-imputata ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputata, debitament assistita mill-Avukat Alessia Zammit McKeon tenniet li ma kienetx ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontriha.

Rat id-dokumenti prodotti,

Rat u semgħet il-provi imresqin mill-Prosekuzzjoni;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

***<u>Ikkunsidrat : -</u>***

Illi jirriżulta pruvat li fid-data u ħin indikati fil-komparixxi l-imputata kienet qegħda ssuq il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni ABP 826. Issa hija kienet wieqfa fuq il-*give way sign* qabel ma taqbad ir-roundabout li hemm f'dik it-triq riferita bħala ta' *de Rohan*, u kienet sejra mid-direzzjoni li minn Ħ'Attard tieħu għal-Ħaż-Żebbuġ. Hija waqfet biex jgħaddu l-karozzi li kienu qed iduru mar-*roundabout* u kif għaddew il-karozzi, hija qalgħet għal fuq ir-*roundabout* u f'dak il-mument inzerta li kien hemm Bernard Attard li kien beda jaqsam it-triq għad-direzzjoni opposta. Attard kien bi ħsiebu li jmur fid-direzzjoni tas-*showroom* tiegħu li hemm fi Mdina Road, Ħaż-Żebbuġ. Konsegwenza ta' dan l-impatt, Attard sofra ksur f'saqajh u dam bil-ġibs għal xahar sħiħ.

Attard jgħid li hekk kif kien nieżel mill-bankina, huwa spiċċa mal-art. Il-karozza tal-imputata kienet ġejja mid-direzzjoni tagħha proprja. Huwa jiddeskrivi li għażel li jinżel il-bankina u jibda jaqsam dik it-triq u saħansitra kien għamel diġa żewġ passi fit-triq. Jgħid li kif niżel mill-bankina ma kienx hemm karozzi għaddejjin u jgħid ukoll li ħares mid-

direzzjoni ta' minn fejn kienu ġejjin il-karozzi u dak il-ħin il-karozza tal-imputata ma rahiex. Fil-ħin meta kien ser jaqsam kien qiegħed iħares lejn il-Hunters Bar u kien bi ħsiebu jiġbed għall-fuq il-bankina opposta.

Attard itenni li din it-triq hija by-pass u hija traffikuża wkoll. Huwa jgħid li jiffrekwenta din it-triq ta' spiss u jaf lin-nies li għandhom l-istabbilimenti hemmhekk. Iżid li ilhom dawn l-aħħar seba' snin jitolbu li ssir *zebra crossing* f'dal il-post. Jgħid ukoll li dak il-ħin kien kważi dalam u l-karozzi kellhom id-dwal mixgħulin. Hu jgħid li kien hemm xarabank u jiftakar li kien ra' xarabank ġej minn distanza notevoli, iżda lill-vettura misjuqa mill-imputata ma rahiex.

Bernard Attard jgħid li huwa kien jaqsam dik it-triq kuljum. Huwa jirrikonoxxi li l-post li kien sejjer jaqsam minnu kien pjuttost perikoluż biex taqsam minnu u ma jistax jgħid xi prekawzjonijiet jieħu għajr ħlief meta jiġi biex jaqsam iħares lejn id-direzzjoni tar-Rabat. Għalkemm siequ kienet fil-ġibs, din għaqdet sewwa, jimxi u reġgħa għal li kien. Għal aktar minn darba, Attard isostni li huwa kien iqis li l-imputata ma kellhiex għalfejn titressaq il-Qorti u din kienet il-posizzjoni tiegħu sa' mill-bidu nett. Anzi huwa tenna li ma ried xejn mill-imputata – la flus, la insurance u l-anqas proċeduri kriminali.

In konsegwenza għal dan l-inċident il-vettura misjuqa mill-imputata ma ġarbet ebda ħsarat.

Il-verżjoni ta' kif seħħ l-inċident skond Attard u skont dak mistqarr mill-imputata fl-istqarrija rilaxxjata lill-Pulizija huma ftit differenti – ħlief għall-fatt li t-tnejn jgħidu li ma rawx lil xulxin. L-imputata ma ratx lill-Attard filwaqt li Attard ma rax il-karozza misjuqa mill-imputata.

Din il-Qorti temmen il-verżjoni mistqarra mill-imputata fl-istqarrija tagħha – u dan mhux biss għaliex hija aktar versosimili dwar kif seħħ dan l-inċident daqskemm din il-Qorti ma tistax tifhem kif skont Attard, il-vettura tal-imputata qisha feġġħet minn imkien.

Inoltre, jirriżulta wkoll li Attard għamel il-manuvra t'attraversament fi triq li hija ferm traffikuża u perikoluża – u dan kif stqarr l-istess Attard. Inoltre, jidher li minkejja dan ma ħa ebda prekawzjoni partikolari qabel beda jaqsam din it-triq. Anzi din il-Qorti għandha dubju raġjonevoli kemm fil-fatt Attard ħares qabel ma beda jaqsam din it-triq. Apparti minn hekk huwa tenna għal aktar minn darba li mill-imputata ma ried xejn u ma rax għaliex kellha tittieħed azzjoni penali kontriha. Dan ukoll indirettament jirrifletti ħafna fuq id-dinamika ta' dan l-inċident u fuq dik li kienet mhux biss il-kawża prossima, iżda l-kawża unika ta' dan is-sinistru.

Mill-kwadru probatorju preżentat lilha, din il-Qorti tqis li d-Difiża fil-fatt irnexxielha tipprova t-teżi tagħha sal-grad tal-probabbli u li jiġifieri l-kawża unika għal dan l-inċident kienet il-manuvra inkonsulta u għall-

għarrieda ta' Attard li jintraprendi l-attraversament tat-triq b'mod li bl-azzjoni unika tiegħu qiegħed lilu nnifsu u lis-sewwieqa avviċinanti mhux biss fil-perikolu iżda wkoll ikkawża l-istess sinistru.

## *DECIDE*

li qegħda ssib lil Cynthia Jane Camilleri mhux ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontriha u tilliberaha minn kull ħtija u piena.

**Mogħtija illum is-6 jum ta' Novembru 2015 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.**

***Aaron M. Bugeja***

Sent/proċ reż somm/kont